MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1815/1999/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Vincent Cutajar abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istes Vincent Cutajar.**

**vs**

**Marvin Debono**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm941.99) jew somma ohra verjuri, in kwantu ghall-ammont ta' disa' mija u sittax-il Lira Maltin u disgha u

disghin centezmu (Lm916.99) jew somma ohra verjuri, lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Vincent Cutajar, assigurat tghha, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Lria Maltin (Lm25.00), lill-attur Vincent Cutajar, ammont rapprezentanti excess payment skond il-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Marzu 1998 ghall-habta ta' 1.30p.m. gewwa St. Andrews Junction, St Julians, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAD 774 proprjeta' ta' l-attur Vincent Cutajar u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni MAR 510, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-ossservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 15 ta' Gunju 1999, u ta' l-ittra ufficjali li intbaghatet mal-avviz lis-socjeta' Untours Insurance Agents & Brokers Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Qatar Insurance Co., u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 5 tal-atti) u li biha l-konvenut eccepixxa bil-qima:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom u dana billi ghall-incident stradali "de quo" ma kienx jahti l-eccipjent.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u b'riserva dwar id-danni subiti mill-eccipjent, mis-sid il-vettura li kien isuq u mill-assikuraturi tal-vettura.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur, Vincent Cutajar</u>, spjega (fol 14 et seq ibid) illi, waqt li kien qed jsuq il-karozza tal-marka "Hyundai" minn

KAD 774, kien hiereg minn Trejqa Lourdes (Lourdes Lane) u kien ser jdur lejn il-lemin tieghu sabiex jmur fid-direzzjoni ta' St. Andrews (ara l-iskizz esebit minn PS 16 Martin Cordina a fol 18 ibid). Kif kien hiereg minn din it-trejqa laterali hu esplora, wara li waqaf, sabiex jara jekk jistax johrog u ra li kien hemm karozza li mhix involuta direttament f'din il-habta u li kienet qed tinsaq lejh minn naha tal-lemin tieghu fuq it-Triq Regjonali. In rigward din il-karozza l-attur specifika "…. Kienet diehla ukoll ghal Lourdes Lane minn fejn kont hiereg jien" u kienet "qed tinblokka it-triq St Andrews Road. Ghalhekk suppost minn St Andrews Road ma setghux johorgu karozzi". Meta ra hekk, hu hareg izda giet karozza ohra, misjuqa mill-konvenut, li qabzet il-karozza l-ohra u "giet go fija" fuq in-naha tal-lemin tal-karozza misjuqa minnu. Hawnhekk, l-attur jghid li l-konvenut hareg mill-karozza tieghu tkellem hazin u eventwalment qal li kien mghaggel minhabba appuntament.

Illi PS 16 Martin Cordina (fol 16 et seq ibid) gja imsemmi spjega, in rigward it-trejqa u Triq St Andrews, li, fejn gara l-akkadut ma hemm ebda sinjal ta' "stop" jew "give way".

Ikkunsidrat

Illi, filwaqt li ssir referenza ghal fol 25 tal-atti, fejn hemm verbalizzati il-versjonijiet li taw iz-zewg sewwieqa involuti f'dan il-kaz, ghandu jinghad li l-konvenut qatt ma deher, personalment quddiem din il-Qorti u lanqas ma gab a konjizzoni tal-istess Qorti, xi forma ta' prova, in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnu (ara fol 38 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess jidher li dan l-incident kien kagunat minnu sorpass imprudenti, esegwit mill-konvenut ta' vettura, kif hemm deskritt fix-xhieda tal-attur, liema versjoni ma gietx kontradetta b'xi prova kontrarja, kif di gja gie premess.

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn tal-"quantum" ta' danni, l-attur xehed li kellu jhallas Lm25 bhala "excess" lis-socjeta assikuratrici tieghu. Inoltre, gew presentati, permezz ta' nota, diversi dokumenti in sostenn tal-istess (ara fol 28 sa fol 33 ibid). Ghalhekk, l-ammont globali mitlub fl-avviz jidher li hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament resposnabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm941.99,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine is-somma ta' Lm916.99,0 u lill-attur Vincent Cutajar, is-somma ta' Lm25.0,0,0 bl-imghax legali mit-22 ta' Dicembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-15 ta' Gunju 1999 u tal-15 ta' Dicembru 1999 imsemmija fl-avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------